Network Dinji ta' Talb mal-Papa
MALTA

# Sfidi ta' Żminijietna fit-Talb

April 2017

Merħba! Il-Papa Franġisku jistidinna sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu:

**Biex iż-żgħażagħ iwieġbu b'ġenerożità għas-sejħiet tagħhom u jikkunsidraw bis-serjetà li joffru lilhom infushom lil Alla fis-saċerdozju u l-ħajja kkonsagrata**.

**Ninġabar:**
Agħlaq għajnejk u immaġina lilek innifsek fil-preżenza ta 'Alla. Ħoss il-paċi tiegħu. Isma' l-ħsejjes tal-madwar. Offrilu l-ħsibijiet li jiġu f'moħħok u staqsi lilu biex jeħilsek minn dawn il-ħsibijiet u b'hekk tkun tista' tqatta ftit ħin miegħu biss.

**Fatt ċkejken:**

Aħna kollha noħolmu kbir - ħolm inkonċepibbli, is-suċċess, truf kuntenti, eċċ. Fost il-ħafna ħolm li ħlomt għalija nnifsi, l-isports kien dejjem fil-quċċata tal-lista tal-prijoritajiet tiegħi. Ikolli nammetti li s-suċċess li kelli kien sabiħ, imma l-problema kienet li dan qatt ma kien jissodisfani. Kien idum għal żmien qasir wisq, u kien jħallili vojt kbir, u kont dejjem nixtieq iżjed. Kont inħossni maħbuba **għal dak li kont** u **mhux għal dak li jien!**

Il-ħajja offrietli ħafna opportunitajiet - għamilt xogħol missjunarju u volontarju u lqajt kull opportunità b'qalb miftuħa u b'ħafna mħabba. U din id-darba bdejt inħossni sodisfatta u aktar kuntenta. Matul dawn is-snin ta' tfittxija, iltqajt mas-sorijiet ta' Santa Monika permezz tal-professjoni tat-tagħlim. U meta kont narahom kuntenti bl-affarijiet sempliċi fil-ħajja, beda jidħolli l-ħsieb li forsi l-Mulej Alla riedni hawn. U għalhekk, b'ħafna kuraġġ, għamilt din il-qabża ta' fidi u bdejt triqti biex insir naf lis-sorijiet aħjar u dak li l-ħajja reliġjuża kienet iġġib magħha. U bil-mod il-mod, ħassejt kollox jaqa' f'postu. Sibt ruħi nesperjenza paċi fl-inqas postijiet li qatt immaġinajt.
Issa nħalli kollox fi jdejh, kull ħolma u kull xewqa. Din hija l-ħolma sabiħa li qed ngħix: li nagħmel kollox għal Ġesù, li ngħix ħajti fl-imħabba tiegħu. Issa naf li diġà rbaħt it-tellieqa. Jiena rbaħt lil Ġesù fil-ħajja tiegħi u nħossni sikura. Naf li jiġri x'jiġri, jiena issa rebbieħa! Segwi dak li tħoss f'qalbek u emmen li l-pjan ta' Alla huwa dak li aħna nixtiequ nagħmlu, dak li jwassalna għall-ferħ u dak li verament jissodisfana.
Sr Rachel Camilleri

**Naħseb ftit:**
Inti ssib ftit ħin għall-kwiet? Tipprova ssib xi ftit ħin għall-adorazzjoni f'kappella jew knisja? Jekk iva, tagħti 'l Alla l-opportunità li jkellmek jew trid tgħid tiegħek dejjem?

**Nitlob:**
Mulej, nitolbuk sabiex tgħin liż-żgħażagħ kollha jirrealizzaw il-vokazzjoni tagħhom, tkun xi tkun. Nitolbuk tgħinhom jikkunsidraw il-ħajja kkonsagrata; ħajja ddedikata lilek u lilek biss.

**Kliem ta' dawl:**
Inti għamiltna għalik O Alla, u qalbna ma ssib qatt kwiet jekk ma tistrieħx fik. *Santu Wistin*

**X'nista' nagħmel:**
Nipprova nitkellem ma' qassis jew soru meta niltaqa' ma' xi ħadd minnhom u nistaqsi dwar il-vokazzjoni tagħhom u l-ħajja kkonsagrata. Nipprova nisma' dak li qed jgħidli l-Mulej fis-skiet ta' qalbi.